**Emenda 91**
**Linnéa Engström**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0310/2018**
**Alain Cadec**
Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet
(COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) "L-Aqwa parir xjentifiku disponibbli" tirreferi għal parir xjentifiku disponibbli għall-pubbliku li huwa appoġġat mid-dejta u l-metodi xjentifiċi l-aktar aġġornati li nħarġu jew li ġew evalwati minn esperti minn korp xjentifiku internazzjonali indipendenti rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, bħall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-parir xjentifiku li jifforma l-bażi għal deċiżjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd għandu jkun ibbażat fuq ix-xogħol minn entitajiet xjentifiċi indipendenti u internazzjonali.*


Magħquda fid-diversità

**Emenda 92**
**Linnéa Engström**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0310/2018**
**Alain Cadec**
Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet
(COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli ***għall-istokkijiet*** tal-iskampu fl-Ilmijiet tal-Punent ***tista'*** tkun ***is-somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet*** funzjonali u ***s-somma tal-limiti tal-qbid tar-rettangoli statistiċi 'l barra mill-unitajiet*** funzjonali. | 3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli ***għal stokk*** tal-iskampu fl-Ilmijiet tal-Punent ***se*** tkun ***stabbilita għal waħda mill-unitajiet*** funzjonali u***, fejn meħtieġ, se jiġu adottati miżuri biex jipproteġu l-unitajiet*** funzjonali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-aqwa parir xjentifiku disponibbli minn korpi xjentifiċi internazzjonali indipendenti ilu jirrakkomanda għal ħafna snin l-importanza li dawn l-ispeċijiet ta' tħaffir jiġu ġestiti minn unità funzjonali.*


Magħquda fid-diversità

22.10.2018 A8-0310/93

**Emenda 93**
**Linnéa Engström**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0310/2018**
**Alain Cadec**
Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet
(COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta stokkijiet ta' interess komuni jkunu qed jiġu sfruttati minn pajjiżi terzi wkoll, l-Unjoni għandha tikkomunika ma' dawk il-pajjiżi terzi biex tiżgura li dawn l-istokkijiet jiġu ġestiti b'mod sostenibbli li jkun konsistenti mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu. Meta ma jintlaħaqx ftehim formali l-Unjoni għandha tagħmel kull sforz biex tikseb arranġamenti komuni għas-sajd ta' dawn l-istokkijiet bil-għan li ***jinkiseb stat*** ta' ***ġestjoni*** sostenibbli***, u b'hekk ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni***. | 1. Meta stokkijiet ta' interess komuni jkunu qed jiġu sfruttati minn pajjiżi terzi wkoll, l-Unjoni għandha tikkomunika ma' dawk il-pajjiżi terzi biex tiżgura li dawn l-istokkijiet jiġu ġestiti b'mod sostenibbli li jkun konsistenti mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu. Meta ma jintlaħaqx ftehim formali l-Unjoni għandha tagħmel kull sforz biex tikseb arranġamenti komuni għas-sajd ta' dawn l-istokkijiet bil-għan li ***l-istokkijiet jiġu sfruttati fir-rata*** ta' ***rendiment massimu*** sostenibbli ***sa mhux aktar tard mill-2020 u wara dik id-data***. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

22.10.2018 A8-0310/94

**Emenda 94**
**Linnéa Engström**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0310/2018**
**Alain Cadec**
Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet
(COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Sal-[ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u wara dan, kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, u dwar is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3. | 1. ***Sa [ħames*** *snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], u wara dan, kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, u dwar is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3***, inkluż l-irkupru ta' stokkijiet tal-ħut 'il fuq minn livelli kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli u l-progress lejn status ambjentali tajjeb. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta, b'mod partikolari, wara kull stabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd, dwar kif dawk id-deċiżjonijiet ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***. |

Or. en


Magħquda fid-diversità